IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2024
COM(2024) 279 final

2024/0153 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[1] (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT) jiġi implimentat biex iwitti t-triq għall-introduzzjoni ta' ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni li jikkonferma li t-tranżazzjoni tkun tikkwalifika għal eżenzjoni speċifika skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 151(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (id-Direttiva tal-VAT).

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT jipprevedi ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa f'verżjoni stampata li tiġi ffirmata bl-idejn. Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jlaħħqu mad-domandi dejjem akbar fl-era diġitali u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji, il-verżjoni stampata attwali se tiġi sostitwita biċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni l-ġdid bi tħejjija għaż-żieda fl-użu tal-firem elettroniċi avvanzati. Barra minn hekk, permezz tat-tali konverżjoni elettronika, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi imposti mil-leġiżlazzjoni tal-UE[2] li tirrikjedi li jistabbilixxu l-mezzi tekniċi meħtieġa biex ikun possibbli l-ipproċessar elettroniku tad-dokumenti ffirmati elettronikament meta jintuża servizz online provdut minn korp tas-settur pubbliku jew f'ismu.

Skont l-Artikolu 151(1a) il-ġdid tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, se tkun tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rigward il-format elettroniku applikabbli taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni l-ġdid u l-mod kif jiġi proċessat b'mod elettroniku. Din il-verżjoni elettronika taċ-ċertifikat se tissostitwixxi kompletament il-verżjoni stampata mill-1 ta' Lulju 2030. Għat-tranżazzjonijiet li jitwettqu qabel dik id-data u biex jitqiesu aħjar il-proġetti l-oħrajn tal-IT li għaddejjin bħalissa, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jkomplu jużaw il-verżjoni stampata stabbilita fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-VAT. B'konsegwenza ta' dan, il-formulazzjoni tal-kliem tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT hija emendata biex ikun possibbli l-użu alternattiv taċ-ċertifikat elettroniku kif ukoll ta' dak stampat.

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT ma għadux aġġornat peress li jirreferi għad-Direttiva 2008/118/KE li ġiet sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 (riformulazzjoni)[3] u se jiġi emendat skont dan.

Fl-aħħar nett, kemm l-Artikolu 51 kif ukoll l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT se jitħassru mill-1 ta' Lulju 2030, li hija d-data li fiha din il-verżjoni stampata se tiġi sostitwita biċ-ċertifikat elettroniku l-ġdid tal-eżenzjoni mill-VAT skont l-Artikolu 151(1a) tad-Direttiva tal-VAT.

---

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (riformulazzjoni) (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37).

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Permezz tal-proposta hija possibbli l-konverżjoni elettronika taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni bħala l-pass li jmiss wara l-adattament tiegħu fl-2022[4], li jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 151(1) tad-Direttiva tal-VAT, ħalli jiġu inklużi l-attivitajiet tal-Unjoni skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)[5] u l-miżuri tal-Unjoni b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19[6].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT hija konformi mal-inizjattivi meħuda bħala parti mill-politika tad-diġitalizzazzjoni tal-UE, u se tgħin lill-Istati Membri jgħammru lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-użu ta' firem elettroniċi avvanzati stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE[7].

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 397 tad-Direttiva tal-VAT. Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu dwar proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT skont l-Artikolu 151(1a) tad-Direttiva tal-VAT jirrikjedi li r-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT jiġi adattat skont dan. Dan ma jistax isir mill-Istati Membri għal rashom. L-adattament jirrikjedi proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ u hija proporzjonata mal-objettivi segwiti. L-inizjattiva tintroduċi ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni li jikkonferma li t-tranżazzjoni tkun tikkwalifika għal eżenzjoni speċifika skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 151(1) tad-Direttiva tal-VAT. Minħabba ż-żieda fil-piż amministrattiv u n-nuqqas ta' flessibbiltà assoċjati mal-proċedura tal-eżenzjoni bbażata fuq dokumenti stampati, il-miżuri proposti se jwasslu għal simplifikazzjoni sinifikanti u ffrankar tal-kostijiet fit-tul, u għaldaqstant huma proporzjonati fid-dawl tal-impatt baġitarju tagħhom.

---

4 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/432 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 15)

5 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/2235 tas-16 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 10)

6 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1159 tat-13 ta' Lulju 2021 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-eżenzjonijiet temporanji fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 250, 15.07.2021, p. 1)

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1506 tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet marbutin mal-formati tal-firem elettroniċi avvanzati u tas-siġilli avvanzati li għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-entitajiet tas-settur pubbliku skont l-Artikoli 27(5) u 37(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 37).

- **Għażla tal-istrument**

Fid-dawl tal-emendar tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT, qed jiġi propost Regolament ta' Implimentazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST* U KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma twettqet l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati minħabba n-natura teknika ħafna ta' din l-inizjattiva u l-allinjament tagħha mal-isforzi fil-livell tal-UE biex jiġu promossi l-interazzjonijiet diġitali tal-gvern.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, wettqet studju tekniku biex tidentifika soluzzjoni possibbli tal-IT għall-introduzzjoni ta' ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni u proċedura korrispondenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta mhijiex marbuta ma' REFIT u ma għandha l-ebda impatt partikolari fuq il-mikrointrapriżi jew l-SMEs.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-konverżjoni elettronika proposta tal-proċedura tal-eżenzjoni mill-VAT tappoġġa l-adattament għall-era diġitali u ssaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, kif protetti mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta tintroduċi ċerti bidliet meħtieġa għall-konverżjoni elettronika taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT iżda ma taffettwax il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet mill-VAT li tirreferi għalihom. Għalhekk, ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti bħala parti mir-responsabbiltajiet tagħha għall-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1, il-paragrafu 1, tal-proposta jemenda l-formulazzjoni tal-kliem tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT biex jiżgura li ċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT il-ġdid, imsemmi fl-Artikolu 151(1a) tad-Direttiva tal-VAT, ikun jista' jintuża bħala alternattiva.

L-Artikolu 1, il-paragrafu 2, tal-proposta jissostitwixxi ċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa previst fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-

VAT b'verżjoni ġdida li tirrifletti l-fatt li d-Direttiva 2008/118/KE ġiet sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 (riformulazzjoni).

L-Artikolu 2 tal-proposta jħassar l-Artikolu 51 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar il-VAT biex jiżgura li mill-1 ta' Lulju 2030 ikun japplika biss iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT imsemmi fl-Artikolu 151(1a) tad-Direttiva tal-VAT.

2024/0153 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 397 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 151(1a) tad-Direttiva 2006/112/KE jintroduċi ċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT il-ġdid u l-proċedura elettronika meħtieġa biex jiġi proċessat. Għat-tranżazzjonijiet li jsiru sat-30 ta' Ġunju 2030, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw iċ-ċertifikat stampat eżistenti, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[2], ħalli jingħataw biżżejjed flessibbiltà biex jimplimentaw l-għadd kbir ta' proġetti tal-IT relatati li għaddejjin bħalissa. L-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi emendat biex waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni jkun jista' jintuża jew iċ-ċertifikat elettroniku jew dak stampat.

(2) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jenħtieġ li jiġi sostitwit biex jirrifletti l-fatt li d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE[3] ġiet sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262[4].

(3) F'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE, mill-1 ta' Lulju 2030, jista' jintuża biss iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 151(1a) ta' dik id-Direttiva. Għaldaqstant, l-Artikolu 51 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011, li jipprevedu l-verżjoni stampata taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni, jenħtieġ li jitħassru minn dik id-data.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jiġi emendat skont dan,

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/282/oj.

2 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/118/oj).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 51, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta r-riċevitur ta' provvista tal-oġġetti jew is-servizzi jkun stabbilit fl-Unjoni iżda mhux fl-Istat Membru fejn issir il-provvista, u ċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 151(1a) tad-Direttiva 2006/112/KE ma jintużax, iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, soġġett għan-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fl-Anness ta' dak iċ-ċertifikat, għandu jintuża biex jikkonferma li t-tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni skont l-Artikolu 151(1) tad-Direttiva 2006/112/KE.

Meta juża dak iċ-ċertifikat, l-Istat Membru li fih ikun stabbilit ir-riċevitur tal-provvista tal-oġġetti jew is-servizzi, jista' jiddeċiedi li juża ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u mid-dazju tas-sisa komuni inkella żewġ ċertifikati separati.";

(2) l-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 51 jitħassar;

(2) l-Anness II jitħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2030.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President